Via Crucis għall-Adoloxxenti

# Daħal fiż-Żarbun Tagħna u Aħna f'Tiegħu



Imħejjija flimkien mal-Grupp
Juventutem Christi, Paola

**Introduzzjoni**

“Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b’leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta’ jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla” (Lhud 5, 7). F’dan il-vers, l-awtur tal-Ittra lil-Lhud jippreżentalna lil Ġesù hekk kif sab ruħu fuq in-naħa tagħna tal-abbiss li nfetaħ bejna u bejn Alla minħabba fid-dnub—abbiss hekk kbir li sabiex aħna nerġgħu nitħabbu mill-ġdid miegħu, kellu jkun hu li jaqsam għan-naħa tagħna billi, bħala Alla, jieħu fuqu l-kundizzjoni tagħna l-bnedmin. U għalhekk narawh jitlob u jibki u jitħabat mar-rieda ta’ Alla u jħaddanha b’ubbidjenza proprju minn fuq in-naħa tagħna, fil-kundizzjoni tiegħu ta’ bniedem li, għalkemm ma għamel l-ebda dnub personali, tgħabba bid-dnubiet tagħna lkoll.

Nistgħu ngħidu li, meta sar bniedem, Alla daħal fiż-żarbun tagħna; esperjenza personalment xi tfisser tkun bniedem—xi tfisser tkun adolexxent, żagħżugħ, sa ma laħaq il-maturità umana tiegħu. Aħna u nikkontemplaw dawn il-waqfiet fit-triq tas-salib, filwaqt li naraw kif Ġesù daħal fiż-żarbun tagħna, aħna wkoll ser nidħlu fiż-żarbun tiegħu, nifhmu x’ħass u x’fissret il-passjoni għalih, biex hekk nagħrfu l-imħabba kbira li biha ħabbna.

L-Ewwel Stazzjon

# Meta Sidna Ġesù kien ikkundannat għall-mewt




Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Evanġelju skont San Ġwann (19, 13–16)

*Pilatu ġieb lil Ġesù barra u qiegħdu fuq sedja għolja, fil-post imsejjaħ Litòstrotos, bil-Lhudi Gabbatà. Kien Jum it-Tħejjija tal-Għid, għall-ħabta tas-sitt siegħa. Pilatu qal lil-Lhud: "Arawh is-sultan tagħkom!" Dawk infexxew jgħajjtu: "Għall-mewt! Għall-mewt! Sallbu!" Pilatu qalilhom: "Jien se nsallab lis-sultan tagħkom?" Imma l-qassisin il-kbar weġbuh: "Aħna ma għandniex sultan ħlief lil Ċesari!" Fl-aħħar tahulhom f'idejhom biex isallbuh.*

Filli ħafna mxew warajh u filli kulħadd dar kontrih. Meta bħal Ġesù nsib ruħi akkużat bla ħtija u ma nistax niddefendi ruħi għax id-deċiżjoni diġà meħuda u dawk li taparsi huma sħabi nsibhom kontrija wkoll jekk ma għamilt xejn, f'qalbi titkebbes ir-rabja. Imma Ġesù ma rritaljax u ma użax il-qawwa tiegħu biex ipattiha lura.

Ġesù, filwaqt li ttaffi fija x-xewqa tat-tpattija, iftaħ għajnejn dawk li jridu jieħdu deċiżjonijiet dwar ħaddieħor sabiex ikunu imparzjali u jevitaw kull forma ta' inġustizzja.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

It-Tieni Stazzjon

# Meta Sidna Ġesù ġie mgħobbi bis-salib



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Evanġelju skont San Luqa (9, 23-24)

*Darba qal lil kulħadd: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum, u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isalvaha."*

Mgħobbi bis-salib, Ġesù mexa t-triq li kienet ser twasslu biex iwettaq l-ikbar ġest ta' mħabba. L-imħabba li tidher fl-umiltà. L-imħabba tidher fil-mixi b'konvinzjoni u determinazzjoni għal għonq it-triq li ftit ftit twassalni għall-għotja sħiħa tiegħi nnifsi lil ħuti l-bnedmin.

Ġesù, għinni nagħraf it-triq li tridni naqbad matul ħajti, biex hekk inkun nista' nagħraf aktar min int, u bħalek b'umiltà naqdi lill-oħrajn.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

It-Tielet Stazzjon

# Meta Sidna Ġesù waqa' għall-ewwel darba taħt is-salib



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Minn Salm 22 (22, 13-15)

*“Qatgħa gniedes daru miegħi; barrin qawwija ta’ Basan għalquni, b’ħalqhom miftuħ għal fuqi, bħal iljun li jaħtaf u jgħajjat. Ninsab bħall-ilma msawwab, għandi għadmi maqlugħ kollu; qalbi hi bħal xemgħa, iddub ġewwa fija.”*

Kemm persuni taħt il-piż tas-slaleb tal-ħajja jħossuhom ma jistgħux ikampaw. Kemm problemi jidhru bla soluzzjoni u nħossuhom jgħaffġuna. Imma l-biża’ li naqgħu jista’ wkoll jipparalizzana u jżommna milli nagħmlu pass.

Ġesù, quddiem l-ostakli tal-ħajja, quddiem dak li nħossni ma nistax negħlbu, agħmel li qalbi tkun miftuħa sabiex tagħraf id-dawl tiegħek li jerġa’ jqajjimni fuq saqajja mill-ġdid.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta’ Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta’ dnubietna agħtina.

Ir-Raba' Stazzjon

# Meta Sidna Ġesù Itaqa' m'Ommu



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Evanġelju skont San Luqa (2, 33–35)

*Missieru u ommu baqgħu mistagħġba b'dak li kien qiegħed jingħad fuqu. Xmun berikhom, u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh,–u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek!–biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna."*

Minkejja l-kunflitti kontinwi, il-preżenza tal-ġenituri f'ħajjitna toffrilna kenn li, minn banda, jagħti direzzjoni għall-maturità u, mill-banda l-oħra, joffri refuġju meta jkun meħtieġ; riga li, minn banda, turi fejn hu l-iżball u, mill-banda l-oħra, tagħmlilna l-qalb waqt li nikbru, ukoll jekk xi drabi nikbru bil-mod wisq.

Ġesù, filwaqt li nitolbok maħfra tan-nuqqas ta' gratitudni lejn dawk li permezz tagħhom tagħtini l-ħajja kontinwament, nitolbok: ħu ħsiebhom u qawwi lilhom ukoll fil-qadi tal-missjoni tagħhom.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

**Il-Ħames Stazzjon**

# Meta Sidna Ġesù ġie megħjun minn Xmun iċ-Ċirinew jerfa' s-salib



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Evanġelju skont San Luqa (23, 26)

*Huma u sejrin bih, qabdu wieħed, jismu Xmun, minn Ċireni, li kien ġej lura mir-raba', u għabbewh bis-salib biex iġorru wara Ġesù.*

Min jaf kemm kien hemm nies li raw lil Ġesù f'dak l-istat u baqgħu għaddejjin, ħlief dan ir-raġel li ġie sfurzat jgħinu. Imma, b'dan il-ġest, iċ-Ċirinew issieħeb ma' Ġesù huwa u jifdina bis-salib tiegħu.

Ġesù, grazzi ta' dawk il-persuni li dejjem insibhom lesti biex jgħinuni fil-ħajja tiegħi, b'mod partikolari f'mumenti diffiċli. Agħtini l-kuraġġ biex ma nibżax quddiem it-tbatija ta' ħaddieħor u nkun lest li nxammar il-kmiem u nagħti daqqa t'id.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Is-Sitt Stazzjon

# Meta l-Veronika resqet lejn Sidna Ġesù u xxuttatlu wiċċu



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija (52, 13–15)

*Araw! il-qaddej tiegħi jsib ir-risq, jintrefa', jogħla u jkun 'il fuq minn kulħadd. Bħalma ħafna ndiehxu minnu–għax wiċċu tħassar, donnu ma kienx bniedem, u s-sura tiegħu ma kontx tqisha ta' bniedem–hekk għad jistagħġbu ħafna ġnus minħabba fih.*

Minkejja li kien hemm ħafna li riedu joqtluh, fit-triq tas-salib kien hemm ukoll dawk li lil Ġesù qimuh ta' Alla li hu. U, għalkemm ma kienet ser issolvi xejn mill-inġustizzja u t-tbatija, din il-mara xorta waħda marret timsaħ dak il-wiċċ qaddis b'rispett u gratitudni.

Ġesù, agħmel li nagħrfek bħala Alla anke fit-tbatija. Agħtini l-qawwa li ma nibqax indifferenti imma, b'ġesti żgħar ta' ġentilezza, nagħmel it-tbatija ta' ħaddieħor iktar sopportabbli.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

# Meta Sidna Ġesù waqa' għat-tieni darba taħt is-salib



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija (53, 3–5)

*Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh. Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn. Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna.*

Kemm ħin minn ħajjitna naħlu fix-xejn. Kemm imħabba nirċievu u nħalluha tintilef fix-xejn. U, filwaqt li nħares lejn Ġesù mal-art għal darb'oħra, bħal donnu hu l-ħati u jiena l-innoċenti, inġib quddiem għajnejja wkoll lil dawk li ħallejthom ibatu l-konsegwenzi tal-imġiba ħażina tiegħi.

Ġesù, nafda f'idejk lil dawk li waqgħu fit-triq ta' ħajjithom u ma reġgħux qamu. Saħħaħ lil dawk li waqgħu u qed isibuha iebsa biex ikomplu t-triq. Farraġ lil dawk li qed ibatu minħabba ħaddieħor.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

It-Tmien Stazzjon

# Meta Sidna Ġesù kien tiela' l-Kalvarju, u ltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Evanġelju skont San Luqa (23, 28-31)

*Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu, 'Hienja dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'!' Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji, 'Aqgħu fuqna!', u lill-għoljiet, 'Ordmuna!' Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?"*

Il-mumenti tal-ħajja meta nsibu ruħna nibku t-telfa ta' persuni għeżież għalina huma tqal ħafna għax it-telfa tħalli vojt u dwejjaq. Imma l-memorja tal-istess persuni, meta baqgħu jissieltu sal-aħħar minkejja li kienu jafu li t-tmiem qorob, tagħtina l-enerġija biex nibqgħu mixjin.

Ġesù, grazzi talli dejjem smajt talbi meta nkun qalbi maqtugħa jew inħossni waħdi. Grazzi talli għentni nemmen fija nnifsi u, permezz tiegħi, int għent oħrajn jemmnu fihom infushom. Agħti l-kuraġġ lil dawk li jħossuhom waħedhom jew mingħajr tama sabiex isibuk u jagħrfu li int dejjem magħhom.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Id-Disa' Stazzjon

# Meta Sidna Ġesù waqa' għat-tielet darba taħt is-salib



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija (20, 7–9)

*Qarraqtni, Mulej, u jien tqarraqt: kont aqwa minni, u għelibtni. Jien sirt id-daħka ta' kuljum, kulħadd jiddieħak bija. Kull meta niġi biex nitkellem, jien ngħajjat, u nxandar, 'Moħqrija u ħsara!' Il-kelma tal-Mulej saret għalija tagħjir u tmaqdir kuljum. U jien għedt: 'Ma nsemmihx aktar, ma nitkellimx aktar f'ismu.' Iżda f'qalbi hemm bħal nar jaqbad, magħluq f'għadmi. Għejejt inżommu magħluq ġo fija, ma niflaħx aktar għalih.*

Kemm-il darba nsib lili nnifsi nidħaq b'Ġesù u ma niħdux bis-serjetà ... għax ma nemminx fih biżżejjed. Imma, meta niġi wiċċ imb wiċċ ma' din il-verità dwari nnifsi, nibqa' xorta nżomm kollox ġewwa fija u nibqa' ma niftaħx qalbi.

Ġesù, għax ħaddieħor jidħaq bija, naħseb li int forsi ser tagħmel l-istess. Imma int, għax teħodni bis-serjetà, qomt u komplejt it-triq. Agħmel li jiena wkoll, flok nibqa' nitmiegħek imwaħħal fejn jien, inqum u nibqa' miexi warajk.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

L-Għaxar Stazzjon

# Meta lil Sidna Ġesù neżżgħuh minn ħwejġu



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Evanġelju skont San Ġwann (19, 23–24)

*Wara li sallbu lil Ġesù, is-suldati ħadu l-ilbies tiegħu u qassmuh f'erbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom. U ħadu wkoll it-tunika; din kienet libsa bla ħjata, minsuġa biċċa waħda minn fuq s'isfel. Ftiehmu bejniethom u qalu: "Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil min tmiss jeħodha." Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid, 'Ħwejġi qasmu bejniethom u għall-ilbies tiegħi tefgħu x-xorti.' U dan tabilħaqq għamluh is-suldati.*

Ukoll jekk nilagħbuha ta' nies b'saħħitna, il-mistħija f'waqt wieħed iżżarmana. Il-mistħija għax iwaqqgħuna jew naqgħu għaċ-ċajt. Il-mistħija ta' meta tinkiser il-privatezza tagħna–u ma' dan tiġi wkoll ir-rabja u n-nuqqas ta' fiduċja. Il-mistħija li żżommna lura biex żgur nevitaw li naqgħu għaċ-ċajt jekk ma nirnexxux.

Ġesù, taħt is-salib, int ħallejthom ineżżgħuk minn ħwejġek u mid-dinjità tiegħek. Imma l-mistħija ma reġġgħetekx lura minn dak li kont taf li kien it-tajjeb. Fakkarni li, ukoll meta nsib ruħi umiljat, int ma ddawwar qatt ħarstek minn fuqi.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

# Meta lil Sidna Ġesù sammruh mas-Salib



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Evanġelju skont San Luqa (22, 33–34)

*Meta waslu fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, sallbuhom hemm, lilu u lill-ħatja, wieħed fuq il-lemin tiegħu u l-ieħor fuq ix-xellug. U Ġesù qal: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."*

Hija ħaġa tassew kbira li Alla, fil-kobor tiegħu, ikollu jobdi l-ordnijiet mogħtija lilu sal-mewt. U mhux talli hekk, talli wkoll ħafer lil dawk li ma kellhomx dritt jitolbu dan kollu minnu.

Ġesù, għalkemm f'ħajti ġieli nagħżel li nobdi bla oġġezzjoni, iktar jiġri li nħoss taqbida u ribelljoni quddiem dak li jiġi mitlub minni. F'dawn il-mumenti, agħtina sehem mill-ispirtu tiegħek ta' ubbidjenza.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

It-Tnax-il Stazzjon

# Meta Sidna Ġesù miet fuq is-salib



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Evanġelju skont San Mark (15, 34–37)

*Fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi: "Eloî, Eloî, lema sabaqtani!", li jfisser: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: "Ara, qiegħed isejjaħ lil Elija!" U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob filwaqt li qal: "Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!" Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu.*

Il-ħajja xi minn daqqiet issallabna: bil-ħafna impenji u ċ-ċirkostanzi li jinqalgħu, il-ħajja stess teħdilna saħħitna, u tisirqilna l-paċi u l-gost bis-sabiħ tagħha. Xi drabi taqtgħalna qalbna u nkunu nixtiequ ngħollu kollox.

Ġesù, minkejja tant sfidi minn dawk ta' madwarek, inti bqajt hemm; ma nżiltx minn fuq is-salib. Quddiem il-ħajja li ssallabni, agħtini l-istess rieda soda tiegħek. Agħmel li, quddiem is-slaleb, ma ndurx kontrik imma nibqa' nadurak.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

It-Tlettax-il Stazzjon

# Meta lil Sidna Ġesù niżżluh mis-salib



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Evanġelju skont San Ġwann (19, 25–27)

*Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala. Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hawn hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hawn hi ommok." U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.*

Kien telaq mid-dar; ħa l-istat tiegħu. Beda jwettaq il-missjoni li għaliha ġie fid-dinja u sar bniedem bħalna permezz tagħha. U issa reġa' sab ruħu fi ħdanha mill-ġdid. Tgħid spiċċa kollox? Tgħid kien kollu għalxejn?

Ġesù, fit-transizzjoni mit-tfulija għall-maturità adulta, f'qalbi jitħalltu l-ferħ u ċ-ċertezza mal-biża' u d-diqa ta' min irid jinqata'. Żomm ħajja fija l-imħabba li tagħtini l-qawwa nieħu r-riskju li nikber, hu x'inhu l-prezz, sabiex twassalni għall-milja tiegħi.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

L-Erbatax-il Stazzjon

# Meta lil Sidna Ġesù difnuh f'qabar ġdid



Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

Mill-Evanġelju skont San Mattew (27, 59–61)

*Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f'liżar nadif, qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, u telaq. Iżda Marija ta' Magdala u Marija l-oħra baqgħu hemm bilqiegħda biswit il-qabar.*

Quddiem it-traġedja tas-salib, Ġużeppi keffen lil Ġesù f'liżar u pprovda qabar ġdid; Marija u n-nisa l-oħra baqgħu hemm sal-aħħar. Azzjonijiet li jidhru bla importanza, imma min iħobb jibqa' jistenna u jittama, ukoll meta xejn ma jkun jidher ċar jew ovvju.

Ġesù, bil-ġest ta' dawn l-individwi li baqgħu miegħek anke meta ma kien hemm xejn iktar x'setgħu jagħmlu biex jeħilsuk, għinni nagħraf xi tfisser verament il-lealtà. Agħmel li ma nkunx persuna ta' wiċċ b'ieħor jew sempliċiment nagħmel it-tajjeb biex nidher, imma ħa tkun ġenwina l-imħabba tiegħi.

*Missierna, Sliema, Glorja*

**V/.** Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R/.** Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

**Skont l-Intenzjoni tal-Papa**
*Missierna, Sliema, Glorja*

*Salve Regina lil Marija Addolorata*

**Talba ta' San Franġisk quddiem il-Kurċifiss**

O Alla, l-aktar Għoli u Glorjuż,
dawwal id-dlamijiet ta' qalbi,
sawwab fija
fidi vera,
tama ċerta
u mħabba perfetta.
Agħtini, Mulej, li nħoss u nagħraf lilek
biex nagħmel ir-rieda vera u mqaddsa tiegħek.

